MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Avviz Numru. 252/2004

**Citadel Insurance plc f'isimha proprju kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Tanti u l-istess Joseph Tanti**

**Vs**

**Christian Frendo**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar il-hdax (11) ta' Mejju 2004 fejn talbet lil Qorti prevja li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fi Triq Kostituzzjoni, Mosta fil-hamsa (5) t'Awissu 2003, li fiha kienu nvoluti il-vettura KBC 542 proprjeta tal-attur Joseph Tanti u misjuqa minn Jordan Coleiro u l-vettura DAP 043 misjuqa mill-konvenut, u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma li din il-Qorti jghogobha tillikwida rapprezentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-atturi in konnessjoni u bhala kagun tal-incident.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali nterpellatorja u ta' dik kontestwalment mibghuta ma dan l-avviz a tenur tal-Kap 104, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li kien ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-

Illi dak li talbu l-atturi nomine ghandu jigi michud bl-ispejjes billi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament is-sewwieq tal-vettura tal-atturi nomine

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Illi nhar is-sitta (6) ta' April 2005 xehed **Dr. Edmond Zammit Laferla** prodott mill-atturi. Stqarr illi huwa jokkupa l-kariga ta' Executive fil-Legal Affairs tal-kumpanija attrici. Il-karozza ta' Joseph Tanti li ghandha in-numru ta' registrazzjoni KBC 542 hija assikurata mas-socjeta attrici taht polza *comprehensive* kienet involuta f'kollizzjoni ma Jordan Coleiro li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni DAP 043. Ikkonferma li s-socjeta attrici ghamlet tajjeb ghall-hsarat rizultanti minn dan l-incident awtomobilistiku a bazi tal-polza tal-vettura. Huwa esebixxa prospett li gie markat bhala Dok. EZL 01, tal-pagamenti li saru u dan fl-ammont ta' LM3,228. Spjega li Joseph Tanti minn din is-somma hallas is-somma ta' LM150 bhala *access* u dan a bazi ta' l-istess polza.

Illi fl-istess jum tas-sitta (6) t'April 2005 xehed **Joseph Tanti** w ikkonferma li huwa l-proprjetarju tal-vettura numru ta' registrazzjoni KBC 542 u li kienet assikurata mas-socjeta attrici. Ikkonferma li dakinhar tal-kollizzjoni huwa kien halla l-vettura f'idejn Jordan Coleiro u li kien hu li kien qed isuq waqt il-kollizzjoni. Qal li bhala danni huwa sofra s-somma ta' LM150 rapprezentanti l-access li huwa hallas

abbazi tal-polza li kellu. Qal ukoll li s-socjeta attrici halsitu tad-danni li sofra u jinsab pjenament sodisfatt.

Spjega li appena sema fuq l-incident mar fuq il-post u ra l-vetturi mahbutin. Jghid li huwa jaqbel mal-posizjoni tal-vetturi kif murija fl-i*sketch* redatt mill-pulizija ghalkemm ma huwiex preciz u dan ghaliex iz-*zebra crossing* li kien hemm fil-vicinanzi ma gietx murija fuq l-i*sketch*. Qal li z-*zebra crossing* tinsab ezatt facata fejn hemm indikat il-hanut li jismu ‘Big Shot’ u huwa tal-fehma li l-vettura tal-konvenut kienet aktar ‘l quddiem lejn il-hanut anzi aktar ’l quddiem mill-vettura li kienet ipparkjata ndikata bin-numru ta’ registrazzjoni KAR 436.

In kontro-ezami nhar l-ewwel (1) ta’ Novembru 2006 ix-xhud spjega d-Dok. EZL 1 u cioe fix kienu jikkonsistu l-ispejjes f’dan il-kaz. Stqarr li ghalkemm il-vettura giet dikjarat bhala *beyond economical repair* xorta kien hemm spejjes ta’ LM440 li kienu jirrapprezentaw in kwantu ghal LM250 li kienu *dismantling fees* tal-magna biex gie stabbilit li l-vettura kienet *beyond economical value* u LM190 *garage fees* sakemm iddisponew mill-vettura.

**Jonathon Coleiro** xehed fl-istess gurnata u spjega li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura KBC 542 fi Triq Kostituzzjoni, Mosta, sejjer fid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar. Huwa hareg minn Hope Street li tidher fuq l-i*sketch* u kiser lejn ix-xellug tieghu biex jibqa’ sejjer lejn San Pawl u kien diga qabad it-triq ghad-dritt. Fuq ix-xellug tieghu kellu karozzi pparkjati. Jghid li appena wasal hdejn il-hanut ‘Big Shot’ indikat fl-i*sketch,* giet karozza kompletament fuq in-naha tieghu tat-triq mill-faccata habtet ma vettura pparkjata li wkoll hija murija fl-i*sketch* u mbaghad baqghet diehla go fih. Bid-daqqa il-karozza tieghu giet spostata lura u spiccat fejn hija indikata fl-i*sketch*. Spjega li l-vettura li giet mill-faccata tieghu kienet mixja bi *speed* mhux hazin.

Huwa jaqbel li l-hsarat li kellu kienu estensivi w huma dawk murija fir-ritratti esebiti mar-rapport tal-assikurazzjoni. Jghid ukoll li l-vettura l-ohra tal-konvenut kellha hsarat fuq quddiem kollu. Qal li hu ma tkellimx

mal-konvenut. Qal li jaf pero li qabel ma habat mieghu l-konvenut dan kien ghadu kemm qala' vettura li kienet miexja fid-direzzjoni opposta, izda fuq in-naha tajba tat-triq. Ikkonferma li qabel ma hareg minn Hope Street, huwa waqaf biex jara kienx gej xi traffiku u hareg fit-triq u baqa' miexi ghad-dritt sabiex ikompli fi triqtu.

Ili nhar id-dsatax (19) ta' Mejju 2005 xehed **PS 746 Jeffrey Attard Mc Carthy** prodott mill-atturi. Ikkonferma li huwa kien l-ufficjal li investiga l-kollizzjoni li kienet sehhet fil-hamsa (5) t'Awissu 2003 ghall-habta ta' nofs siegha u hamsa ta' filghodu fi Triq Kostituzzjoni, Mosta. Spjega li din kienet tinvolvi vettura misjuqa minn Jonathon Coleiro li ggib in-numru ta' registrazzjoni KBC 542 u vettura ohra numru ta' registrazzjoni DAT 043 misjuqa minn Christian Frendo. Qal li dan Frendo ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni. Huwa gharaf l-*accident report* u l-iskizz esebiti fl-atti a fol 19 sa 24 bhala dawk maghmula minnu.

Spjega li l-vettura KAR 436 kienet ipparkjata ma gemb u giet milquta mill-vettura prezumilment misjuqa minn Frendo. Fil-fatt ighid li rrizultalu li l-vettura KAR 436 kienet pparkjata aktar 'l fuq minn fejn hi murija fl-iskizz. Il-marki mhollija fit-triq kienu l-marki li gew imhollija mill-vettura DAT 043 misjuqa minn Frendo u kienu ghaxar metri tul u dawn il-marki qedin fuq il-karreggjata hazina ghal min kien qieghed jipprocedi lejn ic-centru tal-Mosta ghaliex it-traffiku li kien provenjenti lejn San Pawl il-Bahar kien juza dik il-karreggjata.

Irrizultalu minn dak li qalulu z-zewg sewwieqa li effettivament l-vettura KBC 542 kienet hierga minn Hope Street u d-*driver* Frendo qal li meta ra din il-vettura hierga minn din it-triq gibed ghal fuq il-lemin. Huwa esebixxa l-*accident report* li gie markat bhala Dok. GAN 1, minn fejn jirrizulta fit-tul il-versjonijiet taz-zewg sewwieqa mehuda *a tempo vergine* tal-investigazzjoni. Jghid li fiz-zewg vetturi kien hemm passiggiera. Ikkonferma li fi Triq Kostituzzjoni Mosta hemm *continous white lines* li jiddividu l-karreggjata pero mhux f'dik il-parti tat-triq ezatt faccata

Hope Street fejn il-lines huma *dotted* u dan sabiex il-vetturi jkunu jistghu jidhlu f'Hope Street.

Ikkonferma li l-iskizz tieghu huwa *to scale*. Jghid illi huwa seta jikkonkludi li l-*brake marks* kienu tal-vettura DAP 043 peress illi huma 'n linja mal-vettura kif tidher fl-i*sketch* u kienu ghadhom friski.

Illi nhar it-tnax (12) t'Ottubru 2005 xehed **Natalino Agius** prodott mill-atturi. Ikkonferma illi huwa kien ghamel *survey* tal-vettura. Qal li kien ezamina l-vettura assikurata numru ta' registrazzjoni KBC 42 tal-ghamla Isuzu u kien hareg rapport relattiv. Mill-memorja tieghu ftakar li l-vettura kellha danni kbar fuq in-naha tax-xellug taghha. Fil-fatt kien ikkonkluda li din kienet *beyond economical repair,* ghalkemm stqarr li kellha *wreck value* ta' elfejn lira Maltin (LM2,000).

In kontro-ezami nhar l-ewwel (1) ta' Novembru 2006 ix-xhud spjega kif huwa wasal sabiex ghamel l-istima li ghamel u cioe li l-vettura kienet *beyond economic repair*, billi qal li huwa jiehu konsiderazzjoni l-prezz kemm inxtrat il-vettura u l-prezz tal-vettura 'n kwistjoni gdida w d-domanda li jkun hemm fis-suq u l-prezz li dak li jkun, jkun lest li ihallas ghall-vettura ta' dik it-tip partikolari *second hand*.

Rat l-affidavit ta' **Ian Gatt** prezentat fl-atti nhar l-erbatax (14) ta' Novembru 2005. Huwa qal li nhar il-hamsa (5) t'Awissu 2003 ghal-habta tas-siegha ta' filghodu huwa gie nfurmat li kien hemm incident tat-traffiku gewwa Triq Kostituzzjoni, Mosta u l-karozza tieghu li kienet ipparkjata f'din it-triq kienet intlaqtet minn karozza nvoluta f'dan l-incident.

Jispjega u jghid li fuq il-post kien ra vettura tal-ghamla Pony u ohra tal-ghamla Isuza mahbutin f'xulxin. Huwa nnota il-*brake marks* tal-vettura ta' Christian Frendo li ma kienx jaf qabel l-incident. Innota li dawn il-*brake marks* kienu jibdew minn naha tieghu tat-triq jaqsmu ghan naha l-ohra tat-triq fejn spiccat il-vettura tieghu mahbuta.

Spjega li l-*pick up* tal-ghamla Isuzu kien f’nofs tat-Triq Kostituzzjoni u quddiemu kien hemm xi hgieg. Qal li bid-daqqa li qalghat l-vettura ta’ Christian Frendo, din spiccat fuq il-karozza tieghu izda l-hsarat li kellu hu kienu minimi u fil-fatt lanqas *claim* ghand l-*insuranc*e ma ghamel.

Rat in-nota ta’ l-attur prezentata nhar il-hamsa (5) t’April 2006 li biha esebixxa kopja tas-*survey report* markat bhala Dok ‘A’ rigward il-vettura KBC 542, kwotazzjoni mahruga minn ARS (Auto Repairs & Services Limited) li giet markata bhala Dok. ‘B’ w estratt mill-Motor Vehicle Guide Book datat Jannar 2003 li gie markat bhala Dok. ‘C’.

Rat l-affidavit ta’ **Dexter Cutajar** prezentat fl-atti nhar l-ewwel (1) ta’ Novembru 2008 li qal li huwa joqghod fi Triq Katakombi, Mosta li hi vicin Triq Kostituzzjoni, Mosta u jiftakar li nhar il-hamsa (5) t’Awissu 2003 huwa kien qed ighamel *barebeque* fit-terrazin meta ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu sema’ hoss kbir ta’ habta gej mid-direzzjoni ta’ Triq Kostituzzjoni u ra zewg vetturi mahbutin. Huwa gharaf il-vettura mahbuta, bhala dik tal-gar tieghu w ghalhekk mar jaghti l-ghajnuna. Jghid li dak iz-zmien lil gar Christian Frendo ma kienx jafu sew, izda maz-zmien sar jafu ghaliex kienu l-akkademja flimkien.

Ikkonferma li ra l-*brake marks* gejjin mill-vettura ta’ Christian Frendo gejjin mid-direzzjoni ta San Pawl il-Bahar gejjin minn naha tieghu tat-triq ghan-naha l-ohra fejn kienet mahbuta l-karozza tieghu. Jghid li l-iehor kellu l-vettura tieghu *pick up* kwazi dritt wiccu lejn il-bini faccata ta’ Hope Street, kien f’nofs il-karreggjata ta Triq Kostituzzjoni li tiehu ghal San Pawl il-Bahar u warajh ma kien hemm l-ebda *brake mark*. Kien hemm hgieg quddiem il-*pick up* u cioe fil-karreggjata li tigi mid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar. Huwa dam fuq il-post sakemm gew il-pulizija fuq il-post u sakemm waslet l-ambulanza li damet hafna ma waslet.

Nhar it-tnax (12) ta’ Marzu 2007 xehed il-konvenut **Christian Frendo** w ikkonferma li huwa kien involut fk-incident awtomobilistiku ‘n desamina. Spjega li kien qed

isuq vettura tal-ghamla Pony Hyundai numru ta' registrazzjoni CAP 043. Kien niezel minn Triq Kostituzzjoni, Mosta sejjer fid-direzzjoni tal-Belt u dan kien ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl. Stqarr li kien miexi wara karozza ohra u kien lejn nofs it-triq. F'hin minnhom minn naha tal-lemin tieghu, minn go *side road* harget vettura Isuzu bi *speed* ecessiv. Ra li din il-vettura kienet qed tavvicina l-vettura li kien hemm quddiemu u kwazi ser jahbtu. Il-vettura ta' quddiemu rnexxilha tiskapolah billi gibdet lejn ix-xellug taghha. Id-*driver* tal-Isuzu dawwar kemm felah lejn in-naha l-ohra.

Appena rahom ser jahbtu huwa gibed lejn in-naha tal-lemin tieghu biex jittanta jevita li jidhol fiz-zewg vetturi w ghalhekk gie naqra *wrong side*. Id-*driver* tal-Isuzu laqtu u tah daqqa b'sahhitha fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tieghu fejn kien hemm mil-passiggier.

Huwa gie muri zewg ritratti esebiti fl-atti li jinsabu nseriti f'envelop kanella a fol. 46 u l-iskizz, li jinsab a fol. 24 tal-atti. Dwar l-iskizz spjega li kien hemm *continious white lines* fit-triq li ma kienux indikati fl-iskizz. Qal ukoll li l-*brake marks* li kienu nizlin mill-parti ta' fuq mhumiex *brake marks*. Il-*brake marks* tieghu kienu gejjin mill-angolu tat-triq fejn hemm in-numru 26 u lejn il-linja mediana. Spjega li l-posizjoni ta' fejn spiccat il-vettura tieghu mahbuta hija korretta.

Qal li ma jaqbilx mal-posizjoni murija tal-vettura l-ohra KBC 542 fl-iskizz u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-vettura KBC 542 kienet qed thares lejh mhux angolata bil-mod kif murija fl-iskizz.

Spjega li huwa kien niezel minn Triq Kostituzzjoni. Fuq ix-xellug tighu kien hemm diversi karozzi pparkjati. Is-sewwieq hareg minn triq fuq in-naha tal-lemin tieghu bi *speed* qawwi hafna minn fuq *stop sign.* Qal li l-vettura KBC 542 avvicinat nofs it-triq u l-vettura li kien hemm qablu evitatu fis-sens li skapulatu, huwa ghafas il-*brake* biex jigi fuq il-linja medjana. Hu tah daqqa fuq in-naha tal-lemin tieghu u tefghu fuq karozza ohra kif muri fl-iskizz, dar u gie fuqu. Sostna li waqt li kien hiereg pprova

ighamel 180 *degrees* biex jibqa fuq l-istess kareggjata izda dan nonostante, laqtu.

Spjega li huwa laqghta il-vettura ipparkjata bi ftit. Qal li kien mixi b'xi sittin (60) kilometru fis-siegha. Ikkonferma li quddiemu kien hemm vettura ezatt fl-istess posizjoni tieghu, ukoll lejn nofs tat-triq. Fl-ebda mument m'ipprova jghamel surpass tal-karozza li kien hemm quddiemu. Il-vettura li kien hemm quddiemu kient distanza ta' xi tlett metri u nofs erbgha. Pero ma setax ighid kemm kienet id-distanza likien hemm bejn il-karozza li kienet hierga minn triq la gemba Hope Street ghal fuq it-triq principali fejn kien hu. Kull ma seta ighid hu li kien hemm karozza hierga bi *speed* eccessiv b'dawl li jixghel qawwi w ghalkemm raha hierga, m'irnexxilux jiskapolha.

Mistoqsi jekk qabizx il-linja medjana l-konvenut, ighid li iva qabizha fl-ahhar mumenti sabiex jipprova jevita l-karozza li kienet gejja ghal fuqu. Mhux il-vettura kollha kienet marret fuq il-karreggjata zbaljata. Ikkonferma li waqt li l-vettura kienet qed iddur hierga minn triq la gemba laqtitu. Qal fil-fatt m'irnexxilux jibbrekja u laqtu.

Mistoqsi jekk jaqbilx mal-*point of impact* kif muri fl-i*sketch* l-konvenut ighid le ma jaqbilx ghaliex il-*point of impact* sar vicin hafna lejn nofs it-triq. Fil-fatt ighid li meta kien ra l-iskizz kien irrimarka dan il-fatt lill-avukat tieghu.

Illi nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2007 xehed **Chris Frendo** u qal li jiftakar meta sehh l-incident awtomobilistiku u stqarr li kien rikeb mal-konvenut. Qal li kien bil-qieghda fuq wara, proprju wara d-*driver* sejrin lejn il-Mosta gewwa Triq Kostituzzjoni. Spjega li f'din it-triq hemm bar li jismu 'Big Shot' fuq in-naha tal-lemin tat-triq minn fejn kienu ghaddejjin u faccata tieghu hemm *side road* minn fejn hareg il-*pick up*, li spicca dahal go fihom.

Huwa spjega d-dinamika ta' l-incident qal li l-*pick up* hareg minn din is-*side road* b'*radius* kbir u ma marx direttament fuq in-naha tajba tat-triq u b'hekk ostakola t-triq ghall-konvenut li baqa' diehel go fih.

Qal li bid-daqqa ftit li xejn tharrek waqt li huma bid-daqqa baqghu dehlin f'karozza pparkjata li kienet fuq l-istess naha tat-triq ghal fejn hareg d-*driver* tal-*pick up*. Ikkonferma li l-*pick up* spicca f'nofs ta' triq. Ikkonferma li l-konvenut kien mixi bi *speed* ta' bejn sittin (60) u sebghin (70) kilometru fis-siegha. Qal li bid-daqqa li qalghu spiccaw *wrong side.* Mistoqsi jekk jiftakarx li quddiemhom kien hemm karozza mixja x-xhud wiegeb li ma jafx. Mistoqsi jekk il-konvenut ghafas il-*brakes* ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li jiftakar li d-*debris* kien fuq il-karreggjata fejn kienu ghaddejjin huma. Ikkonferma li l-*pick up* laqtithom bix-xellug taghha. Qal li tal-*pick up* ma kellux ***chance*** imur fuq il-karreggjata tieghu tat-triq.

Illi nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2007 xehed **Christian Cilia** u qal illi huwa kien rikeb ma Christian Frendo meta sehhet il-kollizjoni, kien rikeb fuq quddiem ma gemb id-*driver* u kienu sejrin lura lejn Hal-Balzan. Mistoqsi xi *speed* kienu mexjin x-xhud qal li ma jax, pero jiftakar li ra dawl qawwi gej f'wiccu. Ikkonferma li habtu fuq il-*lane* taghhom u cioe fuq in-naha tax-xellug tat-triq inti w thares lejn il-Knisja Rotunda. Izda bid-daqqa spiccaw fuq il-karreggjata zbaljata tat-triq. Mistoqsi jekk kienx hemm xi vetturi qabilhom fit-triq x-xhud ighid li ma jiftakarx li kien hemm. Mistoqsi kemm kienet 'l boghod il-karozza li ra gejja bid-dawl ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Gunju 2007 xehed **Giogano Muscat** prodott mill-konvenut. Qal illi huwa kien gej mill-lukanda 'Sun Crest' sejjer fil-vicinanzi tal-Mosta fi Triq Kostituzzjoni u quddiemu fit-triq kien hemm vetturi ghaddejjin. Jiftakar li l-habta sehhet ftit 'l fuq minn fejn kien ghaddej hu. Huwa nizzel il-klijenti li kellu rikba mieghu u wara ra karozza hierga minn *side road* fuq il-lemin tieghu. Quddiemu xi hamsin (50) metru 'l boghod minnu, kien hemm vettura ohra. Din ipprovat tevita l-vettura li harget minn gewwa din is-*side road* pero m'irnexxilux ghaliex sehhet il-kollizzjoni.

Huwa spjega il-manuvra li ghamlet il-vettura sewda tal-ghamla Hyundai li kien hemm quddiemu, u cioe dik li kien rikeb il-konvenut, billi qal li l-konvenut gibed lejn ix-xellug

tieghu sabiex jevita li ssir il-kollizzjoni dan nonostante l-kollizzjoni saret u kienet wahda *fast* hafna. Huwa gie muri l-iskizz esebit fl-atti u kkonferma li dik kienet il-posizjoni tal-vetturi wara li sehhet il-kollizzjoni.

Illi nhar il-hmistax (15) t'Ottubru 2007 xehed **Christian Cini** w ikkonferma li huwa kien involut f'incident awtomobilistiku. Huwa kien rikeb mal-konvenut fuq wara fin-nofs. Fil-karozza kienu hames minn nies. Kienu sejrin lejn il-Pjazza tal-Mosta. F'hin minnhom harget karozza *van pick up* minn triq sekondarja, u minn fuq *stop sign* li kien hemm fuq il-lemin taghhom, qabzet il-linja medjana tat-triq u x-xufier ipprova jevitah illi gibed fuq in-naha l-ohra tat-triq. Stqarr li l-velocita ta min hareg minn fuq l-i*stop sign* ma hallihx jibbrekja u b'hekk sehhet il-kollizzjoni. Meta gie muri l-izkizz esebit ix-xhud stqarr li il-vettura *pick up* ma kienetx kif murija fl-iskizz izda kienet aktar lejn in-naha tax-xellug u cioe fuq il-karreggjata zbaljata taghha. Kienet aktar angolata u l-*indicator* kien ghadu mixghul, jigifieri il-*pick up* kien ghadu ma darx u l-vettura li kien rikeb hu u cioe dik tal-konvenut kienet aktar angolata fir-realta.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehh l-incident li huma daqsxejn kontradittorji. Jordan Coleiro li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni KBC542 proprjeta ta' Joseph Tanti jghid li huwa hareg minn Hope Street li tidher fuq l-i*sketch* u kiser lejn ix-xellug tieghu biex jibqa' sejjer lejn San Pawl il-Bahar u kien diga qabad it-triq ghad-dritt. Fuq ix-xellug tieghu kellu karozzi pparkjati w ghalhekk hareg ftit 'l barra. Jghid li appena wasal hdjen il-hanut 'Big Shot', indikat fl-i*sketch,* giet karozza mid-direzzjoni opposta kompletament fuq in-naha tieghu tat-triq u habtet l-ewwel ma vettura pparkjata, li wkoll hija murija fl-i*sketch*, w imbaghad baqghet diehla go fih. Bid-daqqa il-karozza tieghu giet spostata lura u spiccat fejn hija ndikata fl-i*sketch*. Spjega li l-vettura li giet mill-faccata tieghu kienet mixja bi *speed* mhux hazing, b'rizultat li l-vettura li kien qed isuq garbet hsarat estensivi.

Minn naha l-ohra l-konvenut ighid li huwa kien qed isuq vettura tal-ghamla Pony Hyundai numru ta' registrazzjoni CAP 043, niezel minn triq principali, Triq Kostituzzjoni, Mosta sejjer fid-direzzjoni tal-Belt u dan kien ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil lejl. Stqarr li kien miexi wara karozza ohra u kien lejn nofs it-triq meta f'hin minnhom minn naha tal-lemin tieghu, minn go *side road* harget vettura Isuzu bi *speed* ecessiv. Ra li din il-vettura kienet qed tavvicina l-vettura li kien hemm quddiemu u kwazi ser jahbtu. Il-vettura ta' quddiemu rnexxilha tiskapolah billi gibdet lejn ix-xellug taghha. Id-*driver* ta' L-Isuzu dawwar kemm felah lejn in-naha l-ohra, u baqa' diehel go fih.

Illi Jordan Coleiro jghid li huwa kien diga hareg mit-triq sekondarja, Hope Street u qabad it-triq principali meta saret il-kollizzjoni. Ma cahadx li f'tarf Hope Street kien hemm *stop sign* u ma jghid xejn dwar x'prekawzjoni li ha qabel ma beda hiereg sabiex jesplora u jidhol fi triq ewlenija, Triq Kostituzzjoni.

Il-konvenut ressaq diversi xhieda biex jikkonferma t-tezi tieghu.

**Chris Frendo** stqarr li kien rikeb mal-konvenut meta sehh l-incident mertu tal-kawza odjerna. Huwa spjega d-dinamika ta' l-incident qal li l-*pick up* misjuqa minn Jordan Coleiro hareg minn *side road* b'*radius* kbir u ma marx direttament fuq in-naha tajba tat-triq u b'hekk ostakola t-triq ghall-konvenut li baqa' diehel go fih. Qal li bid-daqqa, ftit li xejn tharrek waqt li huma bid-daqqa baqghu dehlin f'karozza pparkjata li kienet fuq l-istess naha tat-triq ghal fejn hareg s-sewwieq tal-*pick up*. Ikkonferma li l-konvenut kien miexi bi *speed* ta' bejn sittin (60) u sebghin (70) kilometru fis-siegha. Qal li bid-daqqa li qalghu spiccaw *wrong side.* Qal li jiftakar li d-*debris* kien fuq il-karreggjata fejn kienu ghaddejjin huma. Ikkonferma li l-*pick up* laqtithom bix-xellug taghha. Qal li Jordan Coleiro ma kellux ***chance*** imur fuq il-karreggjata tieghu tat-triq.

**Christian Cilia** u qal li kien rikeb fuq quddiem ma gemb il-konvenut meta sehhet il-kollizzjoni. Jghid li jiftakar li ra

dawl qawwi gej f'wiccu. Ikkonferma li habtu fuq il-*lane* taghhom u cioe fuq in-naha tax-xellug tat-triq inti u thares lejn il-Knisja Rotunda, izda bid-daqqa spiccaw fuq il-karreggjata zbaljata tat-triq.

**Giogano Muscat** prodott mill-konvenut stqarr li jiftakar li l-habta in desamina sehhet ftit 'l fuq minn fejn kien ghaddej hu fi Triq Kostituzzjoni. Huwa nizzel il-klijenti li kellu rikba mieghu u wara ra karozza hierga minn *side road* fuq il-lemin tieghu. Jghid li quddiemu, xi hamsin (50) metru 'l boghod minnu, kien hemm vettura ohra li pprovat tevita l-vettura li harget minn din is-*side road*, pero m'irnexxilhiex ghaliex sehhet il-kollizzjoni. Huwa spjega il-manuvra li ghamel il-konvenut billi dan gibed lejn ix-xellug tieghu sabiex jevita li ssir il-kollizzjoni izda dan nonostante l-kollizzjoni saret u kienet wahda *fast* hafna.

Huwa gie muri l-iskizz esebit fl-atti u kkonferma li dik kienet il-posizjoni tal-vetturi wara li sehhet il-kollizzjoni.

**Christian Cini** qal li kien rikeb mal-konvenut fuq wara fin-nofs u li fil-karozza kienu hames minn nies u li kienu sejrin lejn il-Pjazza tal-Mosta. F'hin minnhom harget karozza misjuqa minn Jordan Coleiro, minn triq sekondarja, u minn fuq *stop sign* li kien hemm fuq il-lemin taghhom, qabzet il-linja medjana tat-triq u x-xufier ipprova jevitah billi gibed fuq in-naha l-ohra tat-triq. Stqarr li l-velocita ta' min hareg minn fuq l-is*top sign* ma hallihx jibbrekja u b'hekk sehhet il-kollizzjoni. Meta gie muri l-izkizz esebit ix-xhud stqarr li il-vettura ta' Jordan Coleiro ma kienitx kif murija fl-iskizz, izda kienet aktar lejn in-naha tax-xellug u cioe fuq il-karreggjata zbaljata taghha. Kienet aktar angolata u l-*indicator* kien ghadu mixghul, jigifieri il-*pick up* kien ghadu ma darx u l-vettura li kien rikeb hu u cioe dik tal-konvenut, kienet aktar angolata fir-realta.

Illi minn ezami tal-iskizz u ta' dak li qal l-ufficjal investigattiv fid-dawl ta' dak li ntqal fix-xhieda, jirrizulta li l-konvenut applika l-*brakes* meta ra l-vettura ta' l-attur quddiemu u cioe meta kien rinfaccjat b'sitwazzjoni ta' emergenza subitaneja, jew almenu certament kompletament inaspettata, u irreagixxa billi ghafas il-*brake*

sabiex jipprova jghaddi mill-karreggjata opposta, la ma kien ghaddej hadd. Jirrizulta fil-fatt illi il-*brakes* tal-konvenut bdew fuq il-karreggjata tajba tieghu.

Huwa minnu dak li ighid l-attur li *main road user* irid ukoll ikun kawt fis-sewqan tieghu u ma jistax jibqa ghaddej bla ma jiehu prekawzjoni.

Fil-fatt din il-Qorti, kif kellha diversi drabi l-okkazzjoni li tindika li l-fatt li inti tkun qed tuza triq principali ma jintitolakx li tqieghed lilek innifsek f'sitwazzjoni skabruza jew difficli biex tirreagixxi ghal emergenza li tinholoqlok. Bhal ma ntqal ripetutament, flok karozza quddiemek jista jkollok tarbija, jew persuna hu minhi, li ma tkunx forsi f'posizzjoni li tirreagixxi malajr biex twarrab mill-via tieghek.

L-attur qed ighid li l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall dan l-incident ghaliex ken qed isuq b'mod eccessiv u minhabba f'hekk kien negligenti fis-sewqan tieghu.

Hawnhekk il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dottor Remigio Zammit Pace noe vs Carmen Grima** deciza nhar is-sittax (16) ta' Mejju 1997 u ghas-sentenza fl-ismijiet **Mehmet Kasap vs Edgar Ellul** deciza mill-istess Qorti Prim Awla nhar it-ghaxra (10) t'Ottubru 1993, fejn intqal is-segwenti:-

"*Pero kif gie konstatament ritenut fil-gurisprudenza f'cirkostanzi simili ghal dak in esami, eccess ta' velocita tal-main road user* (anke kieku ghall-grazzja tal-argument kellu jigi koncess li ma kienx il-kaz in esami) *m'ghandux jitqies bhala determinatni jew kontributorju ghar-responsabbilita ghas-sinistru*. *Certament li l-kawza prossima w immedjata tal-incident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut ittanta jittraversa t-triq ta' l-attur* (u johrog ghal fuq it-triq principali) *u mhux xi eccess ta' velocita da parti ta' l-ahhar*".

Dan hu ezatt il-kaz in esami fejn Jordan Coleiro hareg minn fuq *stop sign* ghal go triq sekondarja ghal fuq principali billi hadha fit-tond, ostakola t-triq ghal minn kien gej mid-direzzjoni opposta, u sehhet il-kollizzjoni.

F’dan il-kuntest jassumi importanza determinanti l-i*stop sign* fil-punt minn fejn kien hiereg Jordan Coleiro, mhux biss ghaliex hu kjarament indikattiv lill-konvenut li kien se jirfes u jittraversa triq principali, imma ghaliex ukoll jimponi fuqu l-obbligu li jieqaf ihares jesplora t-trip principali u ma jazzardax jirfes fuqha jekk mhux qabel ma jkun accerta ruhu li ppermetta t-traffiku, fuq it-triq principali, li jghaddi u li jkun jista jirfes fuq it-triq principali bla ma jtellef b’xi mod lill-utenti tat-triq.

“*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on vehicle should select such a moment as will alow him to enter the main road with safety*.”

The Highway Code provides:

“*Give way to traffic on the major road. At uncontrolled crossings, unless you have a clear view of the major road in both directions, stop before entering the major road. If there is a sign requiring traffic to halt or to go slowly before entering a main road from a side road, it is an offence to disobey the sign and evidence of negligence, on thepart of the driver.” (*The Law of Negligence Charlesworth 2nd edition – pagni 82 et seq).

Mix-xhieda ta’ Jordan Coleiro ma jirrizultax li huwa kien konxju ta’ dawn ir-regolamenti u mill-obbligu li josservhom. Fl-ebda hin ma jghid li waqaf fuq l-i*stop sign*, hares fuq ix-xellug u ra lill-konvenut gej. Huwa ighid li hareg u ra lill-konvenut gej ghal fuqu. Dan ifisser li kieku Jordan Coleiro ma harigx b’dak il-mod, izda hareg bil-mod u jesplora it-triq, dan l-incident aktarx ma kienx isehh.

F’dan is-sens il-konvenut kellu kull dritt li jistenna li Jordan Coleiro ma kienx ser jirfes fuq il-kareggjata tieghu. Jordan Coleiro messu ghamel kalkoli tajba tas-sewqan tal-konvenut, anke jekk rah gej bi *speed* li ma jidhirx li kien il-

kaz, messu ghamel kalkolu tieghu qabel m’azzarda johrog. L-incident sehh bil-lejl w ghalhekk seta’ anke ra id-dawl tal-vettura tal-konvenut gejja.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti kien l-attur stess bil-manuvra inkonsulta tieghu li pprovoka l-incident u kienet din il-kawza prossima w immedjata tieghu.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh tort uniku ta’ Jordan Coleiro w ghalhekk l-konvenut m’ghandux jinzamm responsabbli tieghu w ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici sabiex tiddikjara li l-incident fuq imsemmi sehh tort uniku tal-konvenut minhabba mperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u konsegwentement tiddikjara li m’hemm ebda danni x’tillikwida favur l-istess attur.**

**L-ispejjes in konnessjoni ma din il-kawza ghandhom jigu kollha sopportati mill-attrici Citadel Insurance plc f’ismiha proprju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Tanti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------